1993

Ref: 7GUNJU93

Onor. Prim Ministru,
Onor. Kap tal-Opposizzjoni,
Onor. Ministri u membri Parlamentari,
Sinjuri,

Din hi l-hames darba li gejt moghti l-privilegg u l-unur li naghmel diskors fl-okkazjoni tal-festa tas-Sette Gugno. Izda bhal kull privilegg iehor, anke dan li gie moghti lili, igib mieghu certa responsabbilta; pis li f'din l-okkazjoni, jaqa fuq spallejn min ikun gie maghzul biex jippresjedi l-Kamra tar-Rappresentanti; pis li ghandu t-toqol tieghu minhabba l-importanza ta' l-okkazjoni li mill-perspettiva parlamentari, hija wahda li m'hijiex zghira.

Qieghed nghid dan, mhux biss ghaliex din il-festa nazzjonali ormaj kisbet post importanti fil-kalendarju kulturali, socjali u politiku ta' pajjizna, izda pjuttost ghaliex din il-festa hi assocjata ma l-istituzzjoni tal-Parlament u allura hi festa li permezz taghha, jinghata rikonoxximent mill-aktar qawwi lejn l-istituzzjoni tal-parlament.

Nahseb li nkun korrett meta nghid illi dan huwa rikonoxximent li inghata mill-poplu Malti u Ghawdxi ghaliex huwa jaghraf din l-istituzzjoni bhala l-aqwa ghodda li ghandu f'idejh biex ifassal id-destin tieghu u biex jiggarantixxi d-dritt ta' kull cittadin li jghix fil-liberta, fir-rispett lejn id-drittijiet fundamentali tieghu u f'ambjent demokratiku li aktar minn haga ohra, jirrispetta u jipprotegi d-dinjita tieghu bhala persuna umana.

Ir-responsabbilta li ghandi jiena llum huwa li nipprova nislet minn din il-grajja t-tifsira ta' dan ir-rikonoxximent li qieghed jinghata bic-celebrazzjoni ta' din il-festa nazzjonali, kif ukoll li naghti dak, li jiena nahseb, huwa l-messagg rilevanti ghalina, membri parlamentari u ghal poplu kollu, fic-cirkustanzi tallum. M'hijiex haga facli li tispjega kif mument storiku li jkun sehh numru ta' snin ilu ghandu jkollu tifsira importanti anke llum. Izda daqs kemm jista jkun difficli dan l-inkarigu, daqstant iehor huwa importanti, ghaliex jaghmel differenza bejn okkazjoni formali u okkazjoni ta' sustanza; bejn cerimonja u mument ta' riflessjoni; bejn paroli u fatti.

Naturalment, komemorazzjoni ta' grajja storika ma tistax ma tinkludix imqar pinzellata dwar il-kronaka tal-grajjiet li sehhew; ma tistax ma tfakkarx fin-nies li kienu nvoluti, fic-cirkostanzi li kienu jsehhu f'dak il-mument krucjali ghal pajjizna. Pajjiz ghandu jkun kburi tal-kontribut li jkun inghata mic-cittadini tieghu fil-mixja twila u hafna drabi iebsa lejn il-progress, u ghandu jaghtihom ir-rikonoxximent li jisthoqqilhom mhux biss ghal kuragg u qlubija li jkunu wrew, izda ghaliex dak kollu li gara gie msarraf f'xi haga konkreta, ta' valur li ma jitkejjilx f'termini materjali izda li jitkejjel bl-izvilupp tal-pajjiz, bil progress li huwa jaghmel bhala nazzjon hieles u bhala poplu

sovran.

Jemmen illi kulhadd jaghraf din il-festa bhala okkazjoni li fiha l-poplu taghna kollu huwa mistieden jirrifletti fuq il-konsegwenzi storici ta' dawk l-avvenimenti li graw fl-1919 u fihom jidentifika l-bidu tal-mixja twila li pajjizna qabad lejn id-demokrazija parlamentari li ahna lkoll illum ingawdu u nibbenefikaw minnha. Izda bhal kull haga ohra li toffri ruhha ghal riflessjoni serja, hemm aspetti li filwaqt li jibqghu dejjem minsuga fis-sinifikat generali ta' dik il-grajja, f'certu mumenti u f'certi cirkostanzi jiehdu xejra aktar importanti u ghalhekk ikun jisthoqqilhom aktar enfasi.

L-okkazjoni li qieghdin nikkomemoraw llum, allura, ma hijiex u nahseb li ma ghandiex tinftiehem biss bhala tifkira ta' grajja li sehhet numru ta' snin ilu; l-anqas ma ghandha tinftiehem biss bhala okkazjoni li maghha nassocjaw il-bidu ta' kapitolu kostituzzjonali krucjali ghal pajjizna. Dan huwa kollu veru u l-importanza tieghu ma ghandiex tigi mnaqqsa. Imma nhoss ukoll illi din tallum hi, aktar minn haga ohra, okkazjoni ta' tigdid fl-impenn taghna favur is-sistema parlamentari demokratiku li jhaddan pajjizna u l-istituzzjoni parlamentari nfisha. U meta nghid dan, inkun qieghed nirreferi ghall-impenn kemm tal-membri parlamentari nfushom, kif ukoll ta' kull wiehed mic-cittadini ta' dan il-pajjiz.

U ghaliex din hi okkazjoni ta' tigdid fl-impenn ta' kull membru parlamentari, jiena cert li nkun qieghed nitkellem f'isem kull wiehed u wahda mill-hamsa u sittin membru parlamentari, meta nghid illi ghalina lkoll t-tifsira tal-festa tallum iggib maghha deghxa kiesha ghaliex tfakkarna fil-pis li tpogga fuq spallejna meta ntghazilna biex ahna, isimna, l-agir taghna, jigi assocjat ma din l-istituzzjoni li fl-ahhar mill-ahhar, b'mod jew b'iehor, tinfluenza d-destin ta' kull persuna li tghix f'din il-gzira.

Huwa verament pis tqil li l-politiku fil parlament ikollu jgorr. Tqil ghaliex hija responsabilta li ma tistax tahrab minnha; tqil ghaliex ikollok tperrec lilek u lil familja tieghek ghall-iskrutinju tac-cittadini li ghazluk; tqil ghaliex l-ghodda li ghandek f'idejk biex tahdem bihom huma ingustament imsejha privileggi meta fil fatt huma mazzri li jkomplu jtaqqlu l-pis tar-responsabbilta; tqil ghaliex inti trid twiegeb ghall-agir ta' haddiehor; trid tikkontrolla u tinfluenza lill haddiehor; trid tikkritika, tghix fil kritika u tkun kritiku f'ambjent li hafna drabi ma jhallikx u ma jridekx tkun oggettiv.

Dan u hafna izjed, huwa l-pis li l-politiku fil parlament ikollu jgorr u ghalhekk min igorru jisthoqqlu r-rikonoxximent dovut lil dik il-persuna li volontarjament tiddedika hajjitha jew parti minn hajjitha biex isservi lil pajjiz u lic-cittadini bl-ahjar mod li jaf.

Il-grajja tas-sette gugno, ghalhekk, hija grajja li llum, fic-cirkustanzi li qieghdin nghixu fihom, fil perspettiva

ta' dak kollu li qieghed jigri madwarna, takkwista importanza akbar. Hija grajja li tistiedinna nirriflettu serjament fuq ir-rwol tal-politiku parlamentari - dak il-politiku li mhux biss ikun iddecieda minn jeddu li jpoggi t-talenti tieghu ghad-disposizzjoni tal-pajjiz, imma li l-pajjiz jkun ghazlu permezz ta' elezzjoni biex jiehu posthu f'dik l-istituzzjoni li fuqha l-aktar li jiddependi l-izvilupp tal-pajjiz mill-aspetti kollha.

U proprju ghalhekk, ma nistax ma nharsix lejn dan il-Jum Nazzjonali bhala jum li, aktar minn haga ohra, jenfassizza t-toqol tar-responsabbilta li giet mqeghda fuq spallejn kull wiehed u wahda minn dawk li ghaddew mill-process elettorali u nghataw dan l-inkarigu iebes u difficli. Huwa Jum li jwassal messagg li jikkontradixxi lil dawk li jahsbu li l-hajja tal-parlamentari hija hajja mimlija ward u zaghar, mgezwra f'privileggi u drittijiet li jirrenduh superjuri ghal haddiehor. Huwa Jum li jiffoka fuq is-sens ta' patrijottizmu, s-sens ta' sagrificcju u l-impenn kbir li jinghata mill-parlamentari Maltin mhux biss fid-difiza tal-valuri li jemmnu fihom, imma fl-isforz kollettiv sabiex il-pajjiz jimxi l-quddiem.

Ghaliex il-Parlament m'huwiex il-bini fejn niltaqghu, l-anqas ma hu l-formalita tal-proceduri li nuzaw - imma huwa ahna, l-kollettivita tal-persuni li niffurmawh, li nikkostitwuh, li nikkontribwixxu fih. Il-parlament huwa dak li nghidu jew li ma nghidux, dak li naghmlu jew ma naghmlux, dak li nirriflettu jew li ma nirriflettux. Il-Parlament huwa kull wiehed u wahda minna, bid-doveri kollha li kull wiehed minna jista jkollu.

Fil grajja tas-sette Gugno naghrrfu t-twelid tas-sistema parlamentari taghna u niccelebraw dan l-avveniment bhala wiehed mil-mumenti fost l-aktar importanti fl-istorja ta' pajjizna. Imma nahseb li l-qofol tal-messagg li jrid jitwassal illum huwa li lkoll kemm ahna ghandna noghzzu d-dinjita u d-dehen ta' l-individwu li jkun offra ruhhu biex jintghazel u jkun gie maghzul biex b'idejh, b'mohhu, b'ilsienu u bl-agir tieghu, jaghgen l-futur taghna lkoll u ta' uliedna.

Hawnhekk inhoss li ghandi naghmel dikjarazzjoni skjetta u cara. Jiena kburi mill-parlament Malti u nhossni onorat li gejt maghzul biex nifforma parti minnu. Jiena kburi u niftahar bil-membri parlamentari Maltin li lkoll jaghmlu hilithom biex jaqdu lill pajjizhom anke jekk spiss is-sagrificcji taghhom jew ma jigux apprezzati, jew jigu mifhuma hazin, jew jiqbghu mistura b'mod li jkunu jafu bihom numru zghir ta' nies. Inhoss li jiena nista naghmel dikjarazzjoni bhal din minghajr ma nigi akkuzat li qieghed niftahar b'rixi, ghaliex l-posizzjoni li nokkupa u l-mod kif intghazilt biex nokkupha jippermettuli naghmel dan bla ebda tlaqliq.

Dan igibni ghat-tieni punt li xtaqt niffoka fuqu f'dan id-diskors, u cjoe d-dover li lkoll kemm ahna ghandna sabiex nkomplu nsahhu l-istituzzjoni parlamentari biex tkun tista taqdi l-funzjoni kostituzzjonali taghha b'mod dejjem aktar

adattat ghal bzonnijiet u c-cirkustanzi li qieghdin nghixu fihom.

Meta pajjiz jasal biex jirrikonoxxi l-parlament bhala istituzzjoni vitali ghal hajja demokratika, tant li jiddedika jum nazzjonali ghal dik l-istituzzjoni, l-pajjiz ikun qieghed jirrikonoxxi, anzi jenfasizza, dak li studjuzi kostituzzjonali jsehju bhala l-principju tas-separazzjoni tal-poteri.

Il-legislattiv, l-ezekuttiv u l-gudizzjarju - il-parlament, il-gvern, il-qorti. Tlett pilastri li fuqhom hija msejsa d-demokrazija, separati minn xulxin imma li jikkontrollaw lil xulxin. Xkiel ghal kull wiehed, imma garanzija ghal xulxin. Awdituri ta' xulxin, b'identita separata imma maghguna flimkien biex jaghtu garanzija tal-liberta ghac-cittadin fir-rispett totali tad-drittijiet tieghu bhala persuna umana bid-dinjita li tisthoqqlu bhala c-centru tal-ghixien.

Il-pajjiz, ghalhekk, jippretendi bi dritt, illi jkollu Parlament li jiffunzjona f'dan il-qafas - Parlament li jahdem bhala wiehed minn dawn it-tlett pilastri. Minn banda wahda separat u distint miz-zewg pilastri l-ohra, u minn banda ohra ingranat maghhom b'mod li huwa jikkontrolla u jibbalancja dak li jkun qieghed isir.

Il-pajjiz jippretendi bi dritt Parlament efficjenti u effikaci.

Efficjenti fil mod ta' kif jahdem, fil-metodi li juza, fil kwalita u l-livell tax-xoghol tieghu, fl-impenn ta' kull min huwa b'xi mod midhla tal-hidma tieghu. U ghax il-pajjiz jistenna dan, ahna ghandna nkunu garanzija li dan nipprovduh minghajr tlaqliq, minghajr dubji, minghajr titubanzi u b'fiducja li aktar kemm nzidu l-efficjenza ta din l-istituzzjoni, aktar inkunu qieghdin nzidu t-thaddim tad-demokrazija fil-pajjiz.

Il-pajjiz jippretendi wkoll illi jkollu Parlament effikaci fir-rwol li ghandu bhala garanti ta' skrutinju kontinwu u korrett ta' dak li jkun qieghed jigri fil pajjiz jew li b'xi mod ikun jolqot l-interessi tac-cittadini tieghu.

Il-Parlament ma huwiex il-Gvern, l-anqas ma huwa l-opposizzjoni, imma huwa l-Gvern u l-opposizzjoni, jew ahjar huwa l-membri parlamentari kollha sew dawk li huma fuq in-naha tal-Gvern, kemm dawk li huma fuq in-naha tal-Opposizzjoni. U allura membru parlamentari - kull membru parlamentari - malli jiehu l-gurament li jkun leali lejn il-Kostituzzjoni ta' pajjizu, jilbes il-libsa ta' awditur kritiku ta' dak kollu li jkun qieghed isir mhux biss fl-istituzzjoni nfisha, izda fil-pajjiz kollu kemm hu. Dan mhuwiex dritt tal-parlamentari, imma huwa dover guramentat u allura l-istituzzjoni nfsiha trid tipprovdi l-ghodda biex dan id-dover ikun jista jitwettaq bl-ahjar mod possibbli.

Huwa fid-dawl ta' dawn il-principji illi l-Jum Nazzjonali li

in niccelebraw, jiehu xejra prattika u konkreta billi
ġ lil hinn mill-formalita ta' l-okkazjoni u jiehu sura
ımpenn akbar lejn dak l-aggornament u dak it-tibdil li
/bu li nistghu nintroducu biex naghtu lil pajjizna isti-
.zjoni aktar b'sahhitha, aktar vigoruza, adattata ghaz-
ıenijiet u l-bzonnijiet tallum.

ïga ghedt illi pajjizna ghandu Parlament li jista jiftahar
a jkun kburi bih. Dan huwa mertu tal-membri kollha li jif-furmaw parti minnu u li gharrfu jkomplu joghllulhu dejjem izjed l-istatura tieghu. Xogholna huwa li nkomplu nirfinawh, nkomplu nifhmu dejjem izjed illi ghandna nzidulu l-ghodda biex ikun jista jahdem ahjar milli hadem s'issa, biex ikun aktar efficjenti u aktar effikaci. Parlament ahjar ifisser pajjiz ahjar.

Dawn huma l-hsibijiet li jaghddu minn mohhna f'din l-okkazjoni tallum. Bdejt billi ghedt illi l-okkazjoni tallum ma hijiex biss cerimonja li tfakkar grajja, imma hija okkazjoni li fiha ngeddu l-impenn taghna biex il-pajjizna ngibuh dejjem izjed il-quddiem. Nispicca bhal ma spiccajt drabi ohra f'din l-istess okkazjoni, billi nghid illi dan l-impenn m'hu xejn hlief l-eku ta' l-istqarrija li kien ghamel Sir Filippo Scebrras meta heggeg lill-poplu Malti biex jidhol ghal din il-"kawza ta' unur li minnha jiddependi l-futur ta' Malta".

Il-presenza taghna, llum, hawnhekk f'hogor dan il-monument, tfisser l-impenn taghna biex nkomplu nahdmu ghat-tishih ta' l-istituzzjoni tal-Parlament u allura tad-demokrazija f'pajjizna.

L. Gonzi
7.6.1993